**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 28 ta' Ottubru, 2015**

**Rikors Nru: 197/2015 AF**

**Eximus Services Limited (C-48905)**

**vs**

**Gaetano Gatt**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Gaetano Gatt li permezz tieghu, ghar-ragunijiet premessi il-Qorti intalbet:

1. Thassar u tirrevoka l-mandat kawtelatorju ai termini tal-artikoli 836(1)(a), 843(1) u 843(2).

2. Tordna lill-intimati ihallsu penali fis-somma ta mhux inqas minn Ewro elf mija u erba u sittin u disa' u sittin centezmu (Euro 1,164.69) u mhux iktar minn Ewro sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin u tnax-il centezmu (Euro6,988.12) favur r-rikorrenti a fini tal-artiklu 836(8)(a).

3. Tiddikjara lill-intimati responsabbli ghad-danni li sofra r-rikorrent.

4. Tillikwida d-dannu hekk soffert.

5. Tikkundanna lill-intimati ihallsu lir-rikorrenti d-dannu li jigi hekk likwidat.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta’ Eximus Services Limited li ghar-ragunijiet moghtija ssottomettiet illi t-talbiet ghandhom jigu michuda.

Rat id-dokument anness.

Semghet lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali jixhed viva voce.

Rat l-atti.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti qed isejjes it-talba tieghu fuq l-Art. 836(1)a, 843(1) u 843(2), li jipprovdi ghat-thassir ta’ mandat kawtelat:

> *“(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista’ jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista’ jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f’parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> *(a) Li l-att kawtelatorju m’ghadux iktar fis-sehh;*
>
> *(1) Ir-rikorrent għandu jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat:*

*Iżda fejn il-ħruġ ta' mandat jintalab minn xi parti minn koppja kontra l-parti l-oħra u l-parti li toħroġ il-mandat tkun bdiet il-proċeduri quddiem il-qorti, il-perjodu hawn fuq imsemmi jibda' jgħodd mill-ġurnata li fiha tiġi awtorizzata tipproċedi mill-qorti imma l-mandat jieqaf milli jkollu effett immedjatament jekk il-proċeduri jiġu rtirati jew abbandunati.*

*(2) Jekk ir-rikorrent jonqos milli jagħmel il-kawża mingħajr raġuni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun responsabbli għad-danni u l-imgħaxijiet kollha."*

Jirrizulta pruvat illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju gie pprezentat u milqugh fit-28 ta' Jannar 2011. Kontestwalment, giet prezentata kawza bil-procedura sommarja, liema kawza giet deciza fit-23 ta' Marzu 2011 bil-kundanna tar-rikorrent odjern ghall-hlas.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Gaetano Gatt kontenuta fir-rikors tieghu tal-4 ta' Marzu 2015.

L-ispejjez ta din il-procedura jithallsu minn Gaetano Gatt.

IMHALLEF